MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 340/2010

**A sive B C**

**-vs-**

**D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A sive B C, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-28 ta' April 2000 gewwa Malta, liema zwieg gie rregistrat fl-ufficju tar-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta, Malta;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-partijiet huma legalment separati, u dan skond sentenza datata 25 ta' Gunju 2009 (Dok. A anness);

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, li, kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet, inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-esponenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Ghaldaqstant, l-intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat nhar is-16 ta' Jannar 2001 kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-Artikoli 19 (1) (d), (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, u deheret ghas-smiegh, ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fis-sena 2000 u miz-zwieg taghhom ma twieldux tfal. Ir-rikorrenti qatt ma ried li jkollhom tfal ghax dejjem sostna li ma riedx tfal minn mara li ma kinitx Musulmana.

Huwa xehed hekk:

"*Jiena ma kellix hsieb li jkolli t-tfal. Jiena, meta hi bdiet tinsisti ghat-tfal, spjegajtilha illi jiena ma setax ikolli tfal maghha ghaliex hi ma kinitx Musulmana. Jiena r-religjon illi kien jinkwetani. Kont tkellimt maghha qabel dwar din il-problema. Jiena biex ikolli t-tfal ridt lilha ssir Musulmana u hi qatt ma accettat. Din kienet ir-raguni principali ghalfejn infridna.*"

Martu tikkonferma:

"*Jiena kont nipprova nipperswadih illi la darba zzewwigna ghandna naghmlu familja, pero' ma kienx jirnexxieli. Jiena xtaqt li jkollna t-tfal. Hu kien jahrab minnu l-argument u darba minnhom meta kellna argument kbir kien qalli li tfal minghandi ma jridx ghaliex jiena m'hinix tar-religjon Musulmana. Dan kien xi sena wara li zzewwigna. Dan l-argument qatt ma kien qam qabel. ... kienet ovja li kien ikollna t-tfal. Jien kont naf li hu Musulman. Hu kien jaf li jiena m'hinix. Jiena ppruvajt nipperswadih, pero' ghalxejn. Lanqas kien jersaq lejja minghajr protezzjoni. Jiena ma ridtx nibqa' mizzewga minghajr ma nibni familja. Wara xi sentejn zwieg infridna, pero' bqajna niltaqghu biex forsi nirrangaw il-problemi ta' bejnietna, pero' la darba ma ftehmniex fuq din il-bicca xoghol, ma stajniex niftehmu. Jiena ma kellix hsieb naghmel kompromessi fuq din.*"

F'materja ta' eskluzjoni a tenur tal-Art. 19 (1) (f), dawn il-Qrati jsostnu hekk:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*," ("**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri",** deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002).

"*Il-prokreazzjoni tat-tfal huwa element essenzjali tal-hajja mizzewga u ghalhekk l-eskluzjoni pozittiva ta' din il-prokreazzjoni tivvizzja l-kunsens u twassal ghan-nullita' taz-zwieg taht is-subinciz tal-Artikolu 19 (1) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta*", ("**Adrian Fenech vs Tania Balzan et**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-27 ta' April, 2001).

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' April 2000 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------